# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA
## L-EWWEL PARTI
## QORTI KOSTITUZZJONALI

**28 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
***Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.***

Anthony Debono *noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Proprjetà - Bejgħ - Subbasta - Kondizzjonijiet ta' - Politika Soċjali - Liġi - Nullità ta' - Kursaal - Kodiċi - Kostituzzjoni**

*Ir-rikorrent kien qiegħed jitlob dikjarazzjoni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li l-Atti numri IV u XI ta' l-1984 kienu nulli billi kienu jivvjolaw id-disposti tal-Kostituzzjoni dwar teħid ta' proprjetà mingħajr kumpens xieraq. Dawn il-liġijiet kienu jipprovdu għall-kondizzjonijiet speċjali fil-bejgħ b'subbasta ta' kursaal, lukanda jew fabbrika. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili llimitat ruħha biex tiddikjara inkostituzzjonali biss l-artikolu 3 ta' l-Att XI ta' l-1984. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent u ddikjarat li l-ebda parti ta' dawn il-liġijiet ma kienet tilledi d-dsiposti kostituzzjonali dwar proprjetà.*

*Il-Qorti rriteniet li ghalkemm il-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili kien salvat mill-Kostituzzjoni dan ma setax jinghad ghall-emendi lill-istess Kodiċi. Dawk l-emendi kellhom ikunu konformi ma' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni.*

*Il-Qorti rriteniet ukoll li l-liġijiet in kwistjoni ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-dritt ta' proprjetà tar-rikorrent billi l-bejgh b'subbasta kien espressament ikkontemplat mill-Kostituzzjoni fl-artikolu 37 (2) (f) u (h). Kien dejjem possibbli ghad-debitur li jehles il-proprjetà tieghu mis-subbasta billi jhallas id-dejn; ghalhekk ma setax jinghad li kien hemm vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni. Inoltre, kien leġittimu ghal-leġislatur li fit-tfassil ta' liġijiet li jikkonċernaw il-proprjetà jiehu in konsiderazzjoni l-aspett soċjali tal-kwistjoni u jaghmel b'mod li kemm jista' jkun jissalvagwarda x-xoghol ta' l-impjegati tad-debitur.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Anthony Debono *nomine* fil-Prim'Awla tal-Qorti li permezz tieghu, wara li ppremetta:

"Illi huwa proprjetarju ta' l-utili dominju temporanju ghaż-żmien li fadal minn 120 sena li bdew jghaddu mid-9 ta' Marzu, 1963, tat-territorju f'San Ġiljan, maghruf bhala Dragonara tal-kapaċità superfiċjali ta' ċirka 75,656 metri kwadri (16,802 qasab kwadru ċirka) bil-benefikati kollha eretti fuq l-imsemmi territorju kompriżi l-lukanda Dragonara Palace Hotel, il-Palazz jew Villa Scicluna, id-Dragonara Point Night Club, il-Lido, ir-Reef Club, is-Summer House, l-Administration Block, parking areas, ġonna u art li ghadha mhux żviluppata u ta' l-attrezzi u mobbli kkontenuti fl-istess stabbili użati mill-esponent *nomine* ghad-diversi azjendi kummerċjali ġestiti minnu;

Illi in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Jannar, 1984, fil-kawża fl-ismijiet **Avukat Dottor Grazio**

**Mercieca** ***noe vs*** **Anthony Debono** ***et noe***, huwa ġie ddikjarat debitur tal-Bank of Valletta Ltd. fis-somma ta' Lm353,942.19,3;

Illi fit-12 ta' Marzu, 1984, għadda mill-Parlament, l-Att IV ta' l-1984 biex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili in kwantu jirrigwarda l-proċeduri in subbasta ta' lukanda, kursaal jew fabbrika;

Illi fl-20 ta' Marzu, 1984, il-kreditur imsemmi ppreżenta rikors għas-subbasta tal-beni kollha ta' l-esponenti *nomine* in sodisfazzjon tal-kreditu tiegħu;

Illi b'sentenza tas-16 ta' Mejju, 1984, tal-Qorti tal-Kummerċ, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Debono** ***nomine versus*** **Avukat Dottor Grazio Mercieca** ***nomine***, il-proċeduri tas-subbasta ġew dikjarati nulli, liema kawża għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi fil-mori ta' l-appell u ċjoè fit-22 ta' Mejju, 1984, ġie mgħoddi mill-Parlament, l-Att XI ta' l-1984 li kompla jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi l-effett ta' dawn iż-żewġ Atti separatament u kumulattivament huwa li ġiebu fix-xejn il-garaziji kostituzzjonali stabbiliti fl-artikoli 38 u 40 (2) tal-Kostituzzjoni;

Illi, skond l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista' jieħu proprjetà ta' ħaddieħor jekk mhux bil-garanziji u limitazzjonijiet stabbiliti f'dak l-artikolu, mentri l-effett taż-żewġ liġijiet ġà ċitati ser ikun li l-kompratur fis-subbasta magħmula skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess żewġ liġijiet sejjer jieħu l-proprjetà u d-drittijiet kollha ta' l-esponent mingħajr ma jħallas kumpens adegwat. Inoltre, il-liġijiet in

kwistjoni li jipprovdu għat-teħid tal-proprjetà u drittijiet ta' l-esponent ma jistabbilixxu ebda dritt ta' aċċess lill-Qorti indipendenti biex tiddetermina jekk il-prezz imħallas għat-teħid ta' proprjetà hux xieraq; kif ukoll dawk il-liġijiet jonqsu li jipprovdu dritt ta' appell dwar jekk il-ħlas hux xieraq jew le;

Illi l-artikolu 40 (2) tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi l-garanziji fondamentali fil-proċess ġudizzjarju, liema garanziji ġew ivvjolati miż-żewġ liġijiet li qed jiġu impunjati b'diversi manjieri, fosthom:

Skond l-artikolu 2 ta' l-Att XI ta' l-1984 l-emendi għall-proċedura tas-subbasta japplikaw biss fejn il-Ministru responsabbli għax-xogħol, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jiddikjara li dak il-bejgħ hu meħtieġ għal għan soċjali li jipprovdi jew li jinżammu impjiegi. Il-prinċipju tal-libertà ta' aċċess għal proċedura legali jirrikjedi li dan m'għandux ikun jiddependi mill-arbitriju ta' xi Ministru, aktar u aktar, fejn dan il-permess jiddependi mid-diskrezzjoni assoluta u insindakabbli tiegħu;

Huwa prinċipju fondamentali tar-*rule of law* li l-liġi għandha tkun ugwali għal kulħadd. Bi ksur ta' dan il-prinċipju fondamentali, il-liġijiet li qed jiġu impunjati jittrattaw b'mod differenti debitur minn debitur u kreditur minn kreditur;

Hija ripunjanti għall-kunċett tad-*due process of law* garantit mill-artikolu 40 (2) tal-Kostituzzjoni leġislazzjoni *ad hoc* jew *ad hominem*, li effett tagħha huwa intiż li jidderoga mir-regoli ġenerali tal-proċedura biex f'kontroversja bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali tiġi ivvantaġġata waħda u ppenalizzata l-oħra;

L-effett retroattiv tal-liġijiet huwa dejjem odjuż, b'mod

partikolari meta l-konsegwenza tar-retroattività tkun li l-parti li kienet segwiet il-proċedura stabbilita mil-liġi tiġi svantaġġata waqt li l-parti li naqset li tosserva l-liġi tiġi ippremjata;

Aktar odjuż huwa l-fatt li din il-liġi hija intiża biex tirrevoka l-effett ta' sentenza, meta l-kawża għandha *sub-judice* u dan mhux bi proċess ġudizzjarju imma b'intromissjoni extraġudizzjarja;

Talab lil dik il-Qorti tagħti dawk ir-rimedji, l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa biex tassigura t-twettiq ta' l-artikoli 38 u 40 (2) tal-Kostituzzjoni, fosthom li tiddikjara li l-Atti IV u XI ta' l-1984, jikkostitiwxxu ksur ta' l-artikoli fuq imsemmija tal-Kostituzzjoni u tannullahom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, bl-ispejjeż kontra l-intimat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat li ssottometta illi t-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fid-dritt u fil-fatt għar-raġunijiet segwenti:

Illi in kwantu r-rikorrent qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni hawn non si tratta ta' akkwist ta' proprjetà b'mod obbligatorju iżda ta' bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti ta' beni ta' debitur, illi volontarjament u fil-kors normali tal-kummerċ tiegħu ikkawtela b'dak il-beni djun minnu volontarjament assunti;

Illi anke limitatament fis-sens illi l-bejgħ in kwistjoni hu reżistit mir-rikorrent u ġie ordnat minn Qorti, is-subartikolu (2), paragrafu (f) u (h) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jgħid testwalment illi:

"Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi sa fejn tipprovdi għat-teħid ta'

pussess jew akkwist ta' proprjetà ... bħala inċidentali għal ... privileġġ jew ipoteka *mortgage* ... jew kuntratt ieħor ... fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' Qrati";

Illi l-bejgħ b'subbasta ordnat minn Qorti hu liberu; il-liġijiet in kwistjoni la jillimitaw lil min joffri u lanqas l-offerta;

Illi l-liġijiet in kwistjoni ma jagħmlu xejn ħlief illi jikkawtelaw l-interessi kemm tad-debitur, kif ukoll tal-kreditur, li t-tnejn għandhom l-interess illi l-beni jġibu l-aħjar bejgħ fl-irkant, kif ukoll tas-soċjetà in ġenerali li għandha kull interess illi industrija impostanti li waslet f'insolvenza ma tiġix smantellata bil-konsegwenza li ħames mitt impjegat jispiċċaw bla xogħol;

Illi jikkozza mal-kunċett ta' "esproprjazzjoni" bejgħ li jsir taħt l-awtorità tal-Qorti, fejn il-prezz, li hu l-kumpens xieraq, jintlaħaq billi l-beni jiġu aġġudikati favur dak li jagħmel l-offerta l-iktar għolja. F'dan il-kuntest ħadd ma jista' jgħid bil-quddiem x'offerti ser ikun hemm u kemm ikunu għoljin. Dak li hu ċert hu li r-rikavat tal-bejgħ ser ikun dak li l-beni jġibu fis-suq, u dan ser imur biex jissodisfa d-dejn tad-debitur;

Illi f'materja ta' subbasta ġudizzjarja qatt ma kien hemm involuta proċedura ta' appell għall-iffissar tal-prezz; huwa barra minn loku illi r-rikorrent iġib 'il quddiem dana bħala lment;

Illi l-esproprjazzjoni ssir mill-Gvern, mentri l-kwistjoni bejn ir-rikorrent u l-Bank hija kwistjoni bejn privati fejn m'hemmx każ ta' esproprjazzjoni;

Illi in kwantu r-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu fuq is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni li jirrigwarda l-għoti ta' smigħ xieraq, ir-rikorrent kellu kull opportunità, wara

li ġew ippromulgati ż-żewġ liġijiet minnu attakkati, biex jagħmel is-sottomissjonijiet dwarhom quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża bejnu u l-Bank kreditur tiegħu. Iżda dan għażel li ma jagħmilx dan u ħalla l-kawża tibqa' miexja u titħalla għas-sentenza u ħalla sa lejliet li kellha tingħata din is-sentenza biex intavola dan ir-rikors sabiex dik is-sentenza ma tingħatax. Wieħed tiġih it-tentazzjoni jgħid illi hu proprju dan ir-rikors li jintralċja kontra l-andament ordinat u regolari tal-kawża;

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 jiggarantixxi illi kull Qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali. Il-liġijiet li r-rikorrent qed jipprova jimpunja xejn ma jnaqqsulu mid-drittijiet tiegħu biex jadixxi kull Qorti li hu jidhirlu biex jiġi determinat l-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet tiegħu, posittivi jew negaattivi, versu l-kreditu tiegħu. Dak illi l-liġijiet in kwistjoni jħallu fid-diskrezzjoni assoluta tal-Ministru responsabbli għax-xogħol u limitatament li dan jiddikjara li l-bejgħ eventwali in sodisfazzjon tad-drittijiet determinati bil-mod indipendenti u imparzjali li trid il-liġi jsir bi proċedura waħda minflok oħra, meta hekk ikun meħtieġ għall-għan soċjali li jipprovdi jew li jinżammu l-impjieg. Id-determinazzjoni ta' l-eżistenza o meno ta' dan il-għan soċjali m'għandu x'jaqsam xejn mad-drittijiet jew obbligi ċivili tal-partijiet fil-bejgħ, iżda hu kwistjoni ta' politika soċjali li għandha ġustament tiġi determinata mill-esekuttiv tal-pajjiż. Il-Parlament vesta din id-determinazzjoni fil-Ministru bħala l-awtorità kompetenti u responsabbli għall-Parlament u quddiem il-poplu;

Illi l-bejgħ bil-proċedura illi r-rikorrent bis-saħħa ta' dan ir-rikors irid jimpunja għandu jkun ta' vantaġġ anke lid-debitur għaliex, b'dan it-tip ta' bejgħ jista' b'xi mod jiġi apprezzat u mogħti valur fil-bejgħ (rifless fl-offerti) lill-*goodwill* jew l-

avvjament tal-lukanda, eċċ. (fejn hu l-każ) li ser tiġi mibjugħa. Dan ma jkunx possibbli kieku dik l-industrija jew lukanda tiġi żarmata u mibjugħa biċċa biċċa;

Illi l-fatt illi l-liġijiet in kwistjoni jiddistingwu bejn kreditur ta' xorta minn kredituri oħra, bl-ebda mod mhu aġir diskriminatorju (effettivament l-artikolu 46 mhux involut) u lanqas imur kontra r-*Rule of Law*. Għal sekoli sħaħ debitur kummerċjant ġie distint minn debitur ċivili għar-raġunijiet soċjali li dejjem kienu jipprevalu, illum għal raġunijiet soċjali, mhux ġodda imma li f'ċirkostanzi ġodda ġew aċċentwati, jeħtieġ illi l-liġi anke tiddistingwi bejn debitur kummerċjali ta' tip wieħed minn debitur kummerċjali ta' tip ieħor u ċjoè meta dan ikun lukanda, fabbrika jew kursaal, u dan għar-raġuni illi s-soċjetà trid li l-impjieg taċ-ċittadini tagħha jiġu ssalvagwardati;

Illi l-Kostituzzjoni bl-ebda mod ma tillimita l-leġislattiv tal-Parlament illi jilleġisla kontra xi perikolu partikolari li tkun qed taffaċċja l-ekonomija tal-pajjiż, jew inkella illi jemenda xi liġi li dwarha jkun hemm pendenti xi kawżi fil-Qrati, lanqas mhux ristrett il-Parlament illi meta Qorti tinterpreta liġi b'mod illi hu jidhirlu ma kienx dak li kellu f'moħħu meta hu stess għamel din il-liġi, illi jagħmel liġi oħra biex jirriafferma l-leġislazzjoni preċedenti u jikkreja bilanċ biex jagħmel tajjeb għall-iżbilanċ riżultanti mid-deċiżjoni tal-ġudikant li mhix konformi mal-volontà tal-Parlament. Wara kollox għalhekk qiegħed il-Parlament biex jieħu l-passi neċessarji permezz tal-leġislazzjoni fejn jidhirlu li huwa sewwa fl-interess tas-soċjetà in ġenerali altrimenti jiġi illi l-Parlament ma jagħmel xejn, iħalli kollox miexi waħdu, u dan jisfa kontra l-istess skop li għalih jeżisti u kontra l-għan li jissalvagwarda l-interess ġenerali, fil-każ partikolari, l-impjiegi tal-ħaddiema. Għalhekk il-kummenti tar-rikorrent fis-sub-paragrafi (b), (c), (d) u (e) tal-paragrafu 9 huma kollha kemm huma superfluwi u mingħajr bażi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Ġunju, 1984, li ċaħdet it-talba tar-rikorrent *nomine* kwantu riferibbli għall-Att IV ta' l-1984; u laqgħetha limitatament għall-aħħar parti ta' l-artikolu 308 (1A), introdott bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Att XI ta' l-1984, speċifikata fil-korp ta' dik is-sentenza, u ddikjarat dik il-parti li taqra: "u meta l-beni immobbli li jintalab il-bejgħ tagħhom ikunu jikkonsistu f'art, bini u amenitajiet oħra li jkunu kontigwi, il-Qorti ma tistax tillimita l-bejgħ għal xi parti jew partijiet tagħhom", u ddikjarat li din il-parti biss bħala li tikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u bħala tali nulla u bla effett, u ċaħdet it-talba riferribilment għall-kumplament ta' l-istess Att XI ta' l-1984; u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet stante n-natura tal-każ u l-punti legali involuti, u dan wara li kkunsidrat:

Illi r-rikorrent qed jimpunja żewġ liġijiet mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati fit-12 ta' Marzu, u fit-22 ta' Mejju, rispettivament ta' din is-sena. Dawn huma l-Att IV ta' l-1984 u l-Att XI ta' l-1984, it-tnejn intiżi biex jemendaw il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u preċiżament dik il-parti li tittratta mill-bejgħ fl-irkant bil-Qorti (Sub-Titolu II tat-Titolu VII kkontenut fl-Ewwel Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi). Huwa qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq il-binarju li dawn iż-żewġ liġijiet imorru kontra d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu ikkontemplati fl-artikolu 38 u 40 (2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta;

L-ewwel artikolu invokat huwa intestat "Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens". Minn qari dan l-artikolu ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju li s-subartikolu (3) u (4) m'għandhomx ebda rilevanza għall-kwistjoni nvoluta fil-kawża. Jibqa' għalhekk li tiġi eżaminata t-talba tar-rikorrent b'referenza għaż-żewġ subartikoli l-oħra ta' l-istess artikolu. L-ewwel subartikolu jipprovdi li ebda proprjetà ta' kull xorta li

tkun (inkluż interess jew dritt fuqha) ma għandu pussess tagħha b'mod obbligatorju, ħlief meta dak it-teħid ikun irregolat b'liġi li tipprovdi għal kumpens xieraq, għal dritt ta' rikors lil Qorti indipendenti u imparzjali dwar l-interess tal-persuna li tippretendi l-kumpens jew id-dritt tagħha fuq dik il-proprjetà u dwar l-ammont u l-ħlas tal-kumpens, u għad-dritt ta' reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti quddiem il-Qorti ta' l-Appell f'Malta. It-tieni subartikolu jipprovdi li ebda ħaġa fl-imsemmi artikolu 38 ma għandha tiftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi, safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, fost kazijiet oħrajn, bħala inċidentali għal privileġġ jew ipoteka, *mortgage*, dritt, *bill of sale*, pleġġ jew kuntratt ieħor;

Ir-rikorrent jallega li bis-saħħa taż-żewġ liġijiet impunjati, il-kompratur fis-subbasta magħmula skond id-disposizzjonijiet minnhom introdotti sejjer jieħu l-proprjetà u d-drittijiet kollha tiegħu mingħajr ma jħallas kumpens adegwat. Fir-risposta tiegħu l-intimat qal li hawn non si tratta ta' akkwist ta' proprjetà b'mod obbligatorju, iżda ta' bejgħ taħt l-awtorità tal-Qorti ta' beni ta' debitur (jiġifieri r-rikorrent *nomine*) li volontarjament u fil-kors normali tal-kummerċ tiegħu ikkawtela b'dawk il-beni djun minnu volontarjament assunti;

Issa huwa veru li primarjament din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni tirreferi għal esproprjazzjoni ta' proprjetà privata tal-Gvern. Dan jitnissel ċar u tond mill-mod kif inhu ridatt l-ewwel subartikolu. Iżda, il-bejgħ ta' beni tad-debitur fis-subbasta ma jistax ma jiġix ikklassifikat bħala bejgħ furzat jew obbligatorju. Dan il-bejgħ isir fuq talba tal-kreditur kemm il-darba d-debitur tiegħu ma jħallsux volontarjament u jsir wara talba lill-Qorti *ad hoc* in esekuzzjoni ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu b'sentenza jew in esekuzzjoni ta' titolu esekuttiv ieħor. Huwa veru li dan huwa rimedju importanti u neċessarju, fondat ukoll fuq dritt ta' l-invjolabilità tal-liġi u drittijiet suġġettivi ta'

l-individwu, u ġie deskritt proprju bħala l-*fructus et finis legis*. Iżda, kif jgħallem il-Professur Caruana Galizia (ġà professur tad-Dritt Ċivili fl-Università ta' Malta), "*the directing principle governing this insitute is that the integrity of the right of the executant is to be reconciled with the least possible prejudice to the party against whom the execution is carried out*". Fi kliem ieħor, jekk il-kreditu jkun jista' jiġi sodisfatt mill-bejgħ ta' parti mill-proprjetà, ma għandhiex tinbiegħ il-proprjetà kollha taddebitur. Għalhekk billi l-bejgħ fis-subbasta jimplika neċessarjament it-teħid forzuż mingħand id-debitur tal-proprjetà tiegħu li tagħha jsir il-bejgħ u billi dak it-teħid skond l-istess liġi jista' jiġi potenzjalment anke meħud mill-kreditur innifsu, huwa dmir tal-poter leġislattiv li jaċċerta li dak it-teħid isir blinqas ħsara għad-debitur;

Irriżulta li l-Bank of Valletta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' Jannar, 1984, ġie kkanonizzat kreditur tar-rikorrent *nomine* fis-somma ta' Lm353,942.19,3. Billi r-rikorrent baqa' ma ħallasx dak id-debitu volontarjament, il-Bank talab il-bejgħ fis-subbasta tal-proprjetà kollha li l-istess rikorrent, mobbili u immobbli għandu fuq it-territorju tiegħu f'San Ġiljan magħruf bħala d-Dragonara. Din il-proprjetà tikkonsisti f'lukanda, kursaal u diversi amenitajiet oħrajn, talvalur sostanzjali, skond ir-rikorrent, u dan donnu mhux ikkontestat, ta' ċirka erba' miljun lira. Infatti, għall-bidu l-istess Bank of Valletta kien talab li tinbiegħ biss il-lukanda, biex mirrikavat jiġi sodisfatt il-kreditu tiegħu. Issa, peress li l-emenda introdotta bl-aħħar parti ta' l-artikolu 3 ta' l-Att XI ta' l-1984, "meta l-beni immobbli li jintalab il-bejgħ tagħhom ikunu jikkonsistu f'art, bini u amenitajiet oħra li jkunu kontigwi" (kif inhu proprju fil-każ tar-rikorrent odjern), "il-Qorti ma tistax tillimita l-bejgħ għal xi parti jew partijiet tagħhom". Kwindi, irrikorrent, minħabba din l-emenda ma jistax jitlob lill-Qorti biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, fis-sens li tinbiegħ biss dik il-parti mill-proprjetà li tkun neċessarja sabiex tissodisfa l-kreditu tal-

kreditur tiegħu. Bħala riżultat ta' dan kollu jisa' jagħti l-każ, u dan mhux xi każ remot, li għat-teħid furzat tal-proprjetà tiegħu occorrendo mill-kreditur tiegħu, idaħħal kumpens li ma jkunx adegwat. Għalhekk kwantu din il-parti tal-liġi tinnegalu dak id-dritt, tivvjola d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni;

Il-Qorti eżaminat l-emendi l-oħrajn ukoll; iżda, għalkemm dawn jistgħu ipoġġu f'xi żvantaġġ lir-rikorrent, ma jidhirx li joffendu d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni;

Dwar l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 40 (2), illi dan is-subartikolu jipprovdi li "kull Qorti jew awtorit oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli". Il-Qorti minn eżami tal-liġijiet impunjati, ma tarax kif l-emendi minnhom introdotti joffendu b'xi mod dak is-subartikolu tal-Kostituzzjoni, għaliex l-istess subartikolu jikkontempla proċedimenti quddiem il-Qorti u mhux l-esekuzzjoni tas-sentenza meta dawk il-proċedimenti jkunu ġew definittivament konkjużi. Jekk din l-esekuzzjoni tiġi impunjata, allura jista' jerġa' jibda jopera l-istess subartikolu, iżda dan mhux ikkontemplat jew affettwat mill-emendi in kwistjoni;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi rikorrent Anthony Debono *nomine*, li appella minn dik is-sentenza u għar-raġunijiet fl-istess rikors sottomessi talab lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha fejn iddikjarat l-artikolu 308 (1A) ta' l-Att XI ta' l-1984 jikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, u bħal tali huwa null u

bla effett, u, tirrevokaha fejn ċaħdet it-talba għall-kumplament ta' l-Att XI u għall-Att IV, billi, prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat tilqa' t-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru *nomine*, li għar-raġunijiet fl-istess risposta msemmija ssottometta li l-appell tar-rikorrent Anthony Debono *nomine* għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru *nomine* li appella ukoll minn dik is-sentenza u talab lil din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent appellant *nomine* u tirrevokaha fil-parti fejn laqgħet dawk it-talbiet limitatament kif imsemmi fl-istess sentenza appellata u minflok jiġu miċħuda interament it-talbiet kollha tar-rikorrent appellat *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, u dan għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors;

Rat ir-risposta tar-rikorrent Anthony Debono *nomine* li ssottometta illi s-sentenza in kwantu annullat parti mill-Att XI ta' l-1984 hija ġusta u timmerita konferma, u in kwantu ċaħdet it-talbiet tiegħu għall-kumplament hija infondata u għandha tiġi miċħuda;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

M'hemmx għalfejn wieħed jgħid li l-Kostituzzjoni hija l-

liġi organika u fondamentali li b'referenza għaliha u fil-kuntest tagħha għandha tiġi eżaminata l-validità ta' liġi magħmula mill-Parlament;

Fl-eżerċizzju ta' dan l-eżami wieħed ma jistax ma jżommx quddiem għajnejh illi l-Kostituzzjoni hija liġi li trid tiġi kkunsidrata, bħal kull liġi oħra, fl-interezza tagħha, bħala ħaġa waħda u omoġenja, u li ma jkun fiha l-ebda inkonsistenza bejn xi disposizzjoni partikolari u disposizzjonijiet oħra. Kif jgħid Basu (*Commentary on the Constitution of India*, 6th Ed., 1973, Voll., A, p. 58), taħt is-subtitolu *Rule of harmonious construction: "A constitution does not mean one thing at one time and another subsequently"* u f'dan il-kuntest jiċċita lil Willoughby (*Constitutional Law*, Part I, p. 65) fejn jgħid: "*The Constitution is a logical whole, each provision of whicih is an integral part thereof, and it is, therefore, logically proper and indeed imperative to construe one part in the light of the provision of the other parts*";

Fil-każ preżenti din il-Qorti hija msejħa biex tippronunzja ruħha dwar il-kostituzzjonalità o meno taż-żewġ liġijiet in diskussjoni u fl-eżerċizzju tagħha in diżimpenn ta' din il-funzjoni l-Qorti jenħtiġilha tagħmel proċess doppliċi ta' interpretazzjoni, ċjoè dak li minnu jemerġi xi trid u x'ma tridx il-Kostituzzjoni, u dak li minnu toħroġ ir-risposta għall-kweżit jekk il-Kostituzzjoni u ż-żewġ liġijiet in eżami jistgħux joqogħdu flimkien (*if they can stand together*). Fil-kliem taċ-ċitaz awtur Basu, infatti, "*in exercising the function of judicial review, a Court has to go through a two-fold process of interpretation, namely that of the Constitution and of the impugned statute. On the one hand, it has to determine what is the true scope and implication of the relevant provision of the Constitution, the transgression of which is alleged by the aggrieved party. On the other hand, the Court has to find out the substance and effect of the impugned statute, on its true*

*construction*";

Jinkombi, għalhekk, fuq il-Qorti li tara u teżamina jekk il-liġijiet impunjati jsitgħux jiftiehmu b'mod li ma jmurx kontra dak li trid il-Kostituzzjoni, għaliex jekk jistgħu jiġu hekk mifhuma ma jkun hemm l-ebda dubbju tagħhom;

Fid-diżimpenn ta' din il-funzjoni l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha li f'eżami ġudizzjarju dwar il-kostituzzjonalità ta' att parlamentari dan għandu jgawdi mill-preżunzjoni ta' kostituzzjonalità u li biex tali att jiġi ddikjarat invalidu, trid tirriżulta ċara l-invalidità tiegħu;

Dan ġie kostantement ritenut mill-Qrati tagħna (bla, per eżempju, fil-kawża **Vassallo** *vs* **Prim Ministru**, deċiża minn din il-Qorti - diversament ikkostitwita - fis-27 ta' Frar, 1978), u huwa konformi ma' l-insenjament ta' awturi f'materja kostituzzjonali, fosthom il-ġà ċitat Basu (*op. cit.* p. 457) li jgħid: "*The most important of the self-imposed limits upon the power of judicial review both in the United States and in India is the presumption in favour of the constitutional validity of a statute which is challenged as unconstitutional*", u kif intqal fil-każ Amerikan **Fletcher** *vs* **Peck** (1809 - ċitat mill-imsemmi awtur), din il-preżunzjoni tfisser illi: "*there should be such an opposition between the Constitution and the law that the Judge should feel a clear and strong conviction of their incompatibility*";

Dawn huma, in linea ta' massima, il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-ġudizzju tal-Qorti fl-eżami ta' liġi fi sfond ta' kostituzzjonalità. Hemm, imbagħad prinċipji oħra li jirrigwardaw ċerti aspetti tal-kwistjoni li jiġu ttrattati fl-iżvolġiment tal-konsiderandi ta' din id-deċiżjoni;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors tiegħu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-appellant Anthony Debono *nomine jissottometti illi l-effett ta' l-*Att ta' l-1984 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' l-Att l-ieħor ta' l-1984 li jemenda l-istess Kodiċi (Emenda nru. 2), aktar 'il quddiem indikati rispettivament bħala Att IV ta' l-1984 u Att XI ta' l-1984 separatament u kumullittivament, huwa li ġiebu fix-xejn il-garanziji *kostituzzjonali stabbiliti fl-artikoli 38 u 40 (2) tal-*Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Għal dawn li huma d-disposizzjonijiet ikkontenuti fl-imsemmi artikolu 38, l-argument tiegħu hu li l-kompratur fis-subbasta magħmula taħt dawk iż-żewġ Atti sejjer jieħu l-proprjetà u d-drittijiet kollha tiegħu mingħajr ma jħallas kumpens adegwat. Ikompli jgħid li dawk l-Atti ma jagħtux dritt għal aċċess lill-"Qorti indipendenti" biex tiddetermina jekk il-prezz imħallas għat-teħid tal-proprjetà jkunx xieraq, kif ukoll illi l-istess Atti ma jipprovdux għall-appell dwar jekk il-ħlas ikunx xieraq jew le;

Għal dawk li huma d-disposizzjonijiet ikkontenuti fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni, l-appellant imsemmi jippretendi illi l-garanziji fondamentali fil-proċess ġudizzjarju hemm eżistenti ġew ivvjolati b'diversi manjieri, fosthom:

"Billi l-applikazzjoni ta' l-emendi magħmula b'dawk iż-żewġ Atti tiddependi biss mid-diskrezzjoni insindakabbli tal-Ministru responsabbli għax-xogħol;

Billi dawn il-liġijiet jittrattaw b'mod differenti debitur minn debitur u kreditur minn kreditur;

*Billi dawn il-liġijiet huma ripunjanti għall-kunċett tad-due*

*process of law* għaliex f'kawża bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali parti hija vvantaġġjata u l-oħra ppenalizzata;

Billi bl-effett retroattiv li għandhom iż-żewġ Atti ġiebu żvantaġġ għal min mexa skond il-liġi u vantaġġ għal min naqas li josservaha;

Billi l-għan tal-liġijiet imsemmija huwa li jiġi rrevokat effett ta' sentenza li ma tkunx għaddiet in ġudikat bi proċess ta' "intromissjoni extra-ġudizzjarja";

Fir-rikors tiegħu ta' l-appell l-istess rikorrent appellant sostanzjalment irribadixxa dak li kien diġà espona fir-rikors tiegħu *promotorju* tal-ġudizzju, għalkemm b'mod iżjed estensiv dwar ċerti aspetti tal-kwistjoni;

Il-Qorti ser tibda issa biex teżamina l-kwistjoni fil-kuntest ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

*Fil-kliem tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, li jinsab* taħt is-sub-titolu "Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens"; "ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lill-Qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-Qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik, dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta"; bil-

proviso li "F'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li *tiġi akkwistata b'mod obbligatorju u f'kull każ* bħal dak il-kumpens għandu jiġi ffissat u għandu jitħallas skond hekk";

Fir-risposta tiegħu għar-rikors oriġinali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-intimat Onorevoli Prim Ministru *noe* jissottometti illi f'dan *il-każ* "non si tratta ta' akkwist ta' proprjetà b'mod obbligatorju", bl-inferenza loġika li allura s-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 38 ma japplikax għal dan il-każ;

Fil-fehma tal-Qorti, din il-kwistjoni ma għandhhiex tiġi investita fil-kuntest ta' *l-imsemmi subartikolu (1)* meħud isolatament iżda anke u neċessarjament fid-dawl ta' dak li jinsab ipprovdut fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-istess *artikolu u partikolarment fid-dawl ta' dak li jinsab fil-*paragrafi (f) u (h) tiegħu; u dana mhux biss għal skop ta' utilità prattika, imma primarjament in omaġġ għar-regoli ta' ermenewtika legali u anke *in konformità mal-prinċipju* universalment aċċettat li "*in dealing with constitutional questions courts should be slow to embark upon an unnecessarily wide or general inquiry and should confine their decision as far as may be reasonably practicable within the narrow limits of the controversy arising between the parties in the particular case*" (**Atlabari Tea Co. *vs* State of Assam**, A. 1961, S.C. 232, ċitata mill-Basu fl-opera ċitata, paġ. 413);

Ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju dwar jekk bejgħ fl-irkant bil-Qorti jinkwadrax ruħu fil-paragrafu (b) tas-

subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 imsemmi. Bejgħ bħal dan ma jistax isir ħlief in esekuzzjoni ta' sentenza jew fuq ordni ta' Qorti; u lanqas ma jidher li jista' jkun hemm dubbju jekk teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà bħala inċidentali għal privileġġ jew ipoteka jidħolx fil-paragrafu (f) ta' l-istess subartikolu;

Minn eżami tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 38 joħroġ ċar illi fil-każ ta' liġi li tissodisfa pjenament il-vot ta' dak is-subartikolu, il-kostituzzjonalità tagħha (fuq il-bażi ta' l-artikolu 38) għandha tiġi affermata mingħajr ħtieġa ta' differenza għas-subartikolu (2);

Issa, bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 ebda ħaġa li hemm f'dak l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (a) sa (k) ta' dak is-subartikolu. Liġi bħal din, għalhek, bid-determinazzjoni awtorevoli tal-Kostituzzjoni stess titqies valida għall-fini ta' l-artikolu 38 u tibqa' hekk valida sakemm ma tkunx b'xi mod ieħor fatalment in vjolazzjoni ta' preċett kostituzzjonali;

Kif diġà ġie rrilevat, ir-rikorrent appellant jimpunja ż-żewġ atti in kwistjoni għaliex imorru kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 in parti minn dak li jgħid fir-rigward ta' l-artikolu 40 (2), mentri, min-naħa l-oħra, l-intimat Onorevoli Prim Ministru, filwaqt li jissottometti li l-artikolu 38 (1) ma għandux japplika għall-bejgħ bl-irkant bil-Qorti għaliex dan mhuwiex akkwist obbligatorju fis-sens ta' l-artikolu 38 (1), jissottometti ukoll li anke fl-ipotesi bejgħ bħal dana huwa bejgħ obbligatorju, l-aplikazzjoni tas-subartikolu (1) taż-żewġ liġijiet in eżami hija eskluża bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu. Għal dina l-aħħar sottomissjoni l-appellant Debono

*nomine* jobbjetta li anke f'dan il-każ hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 38 minħabba f'dak li jiddisponi l-artikolu 48 (9);

L-Att IV ta' l-1984 u l-Att XI ta' l-1984 huma t-tnejn liġijiet jemendaw il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u preċiżament l-artikoli 306, 308, 319, 321, 325, 327, 328, 356 u 357 li jinsabu taħt is-sub-titolu "fuq il-bejgħ bl-irkant bil-Qorti";

Dan l-imsemmi Kodiċi huwa salvat bl-artikolu 48 (7) tal-Kostituzzjoni, iżda b'daqshekk biss ma jistax jingħad li anke ż-żewġ liġijiet in kwistjoni, in kwantu emendaw dan il-Kodiċi, huma *salvati ukoll*; u *għalhekk problemi dwar il-*kostituzzjonalità tagħhom jistgħu jiġu eżaminati minn din il-*Qorti;*

Ġaladarba, għall-motivazzjonijiet iżjed 'il fuq imsemmija, l-għemil u l-ħdim ta' l-Atti in kwistjoni ma għandhomx jiftehmu li huma milquta mill-artikolu 38, anke fl-ipotesi li s-subbasta hija bejgħ obbligatorju u dana fuq il-bażi tal-paragrafi (f) u (h) *ta' l-artikolu 38 (2), wieħed ikollu neċessarjament jeżamina dak* li ġie sottomess mill-appellant Debono *nomine* dwar l-effett li l-artikolu 48 (9) għandu jkollu fuq l-istess żewġ liġijiet;

Dan l-artikolu 48 (9) jibda biex jgħid li "ebda ħaġa fl-*artikolu 38 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta'* xi *ħaġa ... magħmula fi jew wara dik id-data* (3 ta' Marzu, 1962) li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data ..." u li ma tkunx tax-xorta ta' waħda jew iżjed mil-liġijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) jew (d) ta' l-istess subartikolu;

*Liġi emendata bħal dawn in eżami, għalhekk, sakemm ma* tkunx xi xorta ta' liġi msemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) jew (d)

ta' l-imsemmi artikolu 48 (9), ma tistax tiġi impunjata għax possibbilment ripunjanti għal xi parti ta' l-artikolu 38;

Min-naħa l-oħra, fl-ipotesi kuntrarja, għandu japplika l-artikolu 38 u l-artikolu 38 kollu kemm hu; ċjoè, il-validità kostituzzjonali ta' liġi ta' din ix-xorta trid tiġi eżaminata fil-kuntest sħiħ ta' l-artikolu 38;

Applikati għall-każ in eżami, dawn il-premessi ma jistgħux iwasslu ħlief għal konklużjoni waħda, ċjoè, jekk dawn huma liġijiet emendati li mhumiex tax-xorta ta' liġi msemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) jew (d) ta' l-artikolu 48 (9) ma jistax jingħad li huma invalidi għax jivvjolaw l-artikolu 38. Jekk dawn huma liġijiet li huma tax-xorta ta' liġi msemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) jew (d) ta' l-artikolu 48 (9) il-kostituzzjonalità tagħhom fuq *il-bażi ta' l-artikolu 38 trid tiġi eżaminata fil-*kuntest ta' l-artikolu 38 kollu; u kif diġà rrilevat, in forza tal-paragrafi (f) u (h) ta' l-istess artikolu 38 ma jistgħux jiġu ddikjarati li huma invalidi għax ma jissodisfawx l-artikolu 38 (1);

Dan huwa l-uniku mod loġiku kif għandhom jiġu mifhuma l-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni, għaliex altrimenti wieħed ikollu neċessarjament jasal għall-konklużjoni li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 qiegħed hemm għalxejn, jew inkella li sar biss għal dawk il-liġijiet ġodda li ma jemendawx jew ma jissostitwux liġijiet oħra ġà eżistenti fit-3 ta' Marzu, 1962. Din *qatt ma setgħet* kienet il-volontà tal-leġislatur; huwa assurd, infatti, tikkonċepixxi, per eżempju, b'referenza għall-każ ikkontemplat fl-artikolu 38 (2) (d) tal-Kostituzzjoni li liġi ġdida li tipprovdi dwar teħid ta' kampjun għall-fini ta' dik il-liġi hija koperta bl-artikolu 38 (2), mentri liġi li temenda jew tissostitwixxi oħra ġà eżistenti fit-3 ta' Marzu, 1962, ma japplikax għaliha l-istess artikolu 38 (2);

In vista ta' dana kollu premess, toħroġ il-konklużjoni hawnhekk li fil-każ preżenti ma hemmx lok li l-liġijiet in kwistjoni jiġu eżaminati fil-kuntest tal-paragrafi (a), (b), (c) jew (d) ta' l-artikolu 48 (9), il-għaliex, fi kwalunkwe każ l-allegazzjoni dwar l-inkostituzzjonalità tagħhhom fuq il-bażi ta' l-artikolu 38 ma tistax tiġi sostnuta, kemm jękk huma tax-xorta ta' liġi msemmija fil-paragrafi (a), (b), (c) u (d) ta' l-artikolu 48 (9) u kemm jekk mhumiex;

Ikkunsidrat:

Dwar l-allegat ksur ta' l-artikolu 40 (2) tal-Kostituzzjoni għandu jiġi rrilevat, għal dak li jista' jiswa, li, a differenza ta' l-artikolu 6 tal-*European Convention on Human Rights* li għandu disposizzjoni waħda li tapplika kemm għall-proċeduri quddiem qrati jew tribunalli dwar reati kriminali kif ukoll għal dawk dwar drittijiet ċivili, l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni tagħna jittratta separtament u b'ċerti differenzi bejniethom dawn iż-żewġ materji;

*Dana ma jfissirx però li l-benefiċċju ta' interpretazzjoni* insinji tal-*European Convention on Human Rights*, mogħtija f'Rapporti tal-*European Commission of Human Rights*, u f'deċiżjonijiet tal-*European Court of Human Rights* għandhom jiġu mwarrba u ma għandhomx ikunu ta' ispirazzjoni għall-Qrati tagħna fil-konsiderazzjoni ta' każijiet bħal ma huwa dak preżenti;

U għalhekk, għal dak li jirrigwarda dan il-każ, ikun opportun, qabel kollox, li wieħed iżomm quddiem għajnejh dak li ntqal mill-*European Commission of Human Rights* fil-każ **Kaplan *vs* U.K.** (App. no. 7598/76) u ċjoè "*In deciding whether a right of access to court arises, the nature of the claim or dispute under the relevant domestic law is ... of critical*

*importance ...*" u "*Where an individual objects to action affecting his private rights, the test must be whether he is in substance claiming that the other party has acted in a way he was not entitled to act under the applicable domestic law*";

Difatti, fost raġunijiet oħra in sostenn ta' l-ilment tiegħu dwar il-kostituzzjonalità ta' l-Att IV ta' l-1984 u ta' l-Att XI ta' l-1984 li jressaq 'il quddiem l-appellant Debono *nomine*, huwa jsemmi *dik li, bl-ordni tal-Ministru magħmula bl-awtorità li* jagħtih l-Att XI ta' l-1984, huwa qiegħed jiġi mċaħħad minn *access to court* billi l-eżerċizzju ta' dana d-dritt tiegħu huwa ostakolat għaliex jiddependi mid-diskrezzjoni insindakabbli li għandu l-Ministru responsabbli għax-xogħol;

*Il-Qorti tgħaddi issa biex tagħmel aċċenn għat-triq kollha* li minnha jgħaddu dawk il-proċeduri li fl-aħħar iwasslu għall-bejgħ bis-subbasta ta' ħwejjeġ id-debitur biex b'hekk jiġi sodisfatt id-debitu tiegħu. Ma jistax ikun hemm kwistjoni jekk in kwantu għal dawk il-proċeduri li huma ntiżi biex iwasslu għall-pronunzjament dwar l-eżistenza o meno tal-kreditu pretiż minn l-attur, u, f'każ affermattiv dwar l-estensjoni ta' dana l-kreditu, iż-żewġ liġijiet impunjati iħallux aċċessibbli għad-debitur l-aditu għall-Qorti; huwa għadu liberu li jikkontesta l-pretensjonijiet kollha tal-kreditur avversarju tiegħu, għandu dritt ta' appell u għandu ukoll is-salvagwardji kollha li l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-liġijiet ta' Proċedura tagħha jagħtuh. B'hekk huwa ggarantit li d-drittijiet kollha li huwa għandu bħala debitur litigant jeħodhom u li jiġi kkundannat jekk ikun il-każ li jħallas dak li għandu jagħti u mhux iżjed u dana minn Qorti imparzjali u indipendenti; huwa jibqa' fl-istess ħin liberu li, jekk verament irid li jevita l-bejgħ ta' ħwejġu, ikollu l-biex jagħmel dan;

Però b'danakollu ma jistax imbagħad jiġi konċess li l-liġi

għandha tippermetti jew tikkundanna l-aġir ta' debitur, kundannat għall-ħlas b'sentenza finali ta' Qorti, li bih jiġu forsi mxejna d-drittijiet tal-kreditur kanonizzat bl-istess sentenza, meta wara kollox responsabbli għat-teħid ta' proċeduri fil-Qorti kien, mill-bidunett, l-istess debitur;

Dana ovvjament ma jfissirx li, taħt il-liġi tagħna, għal debitur, ikkundannat għall-ħlas ta' debitu, qatt kien jew hu preskluż l-aditu għall-Qorti fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fil-każijiet kongruwi. Mill-banda l-oħra, kif ġà intqal, wieħed ma għandux jitlef minn quddiem għajnejn il-fatt illi d-dritt tal-kreditur li jitlob il-bejgħ fis-subbasta tal-beni tad-debitur huwa konsegwenzjali u subordinat għan-nuqqas tad-debitur li jadempixxi l-obbligi tiegħu, dikjarati u stabbiliti minn Qorti bil-garanzija kollha kostituzzjonali meħtieġa u li l-ħlas mid-debitur magħmul qabel ma jsir il-bejgħ iwaqqaf darba għal dejjem il-proċeduri tas-subbasta li għalhekk, f'dan is-sens, ma jistax jingħad li tiddependi unikament mill-volontà tal-kreditur, jew f'każijiet bħal dak in eżami, mill-ordni tal-Ministru. Sostanzjalment, id-dritt tad-debitur li, minkejja kull ordni tal-Ministru, jeħles lil ħwejġu mill-effetti tas-subbasta billi jossodisfa d-debitu tiegħu, ma huwa b'ebda mod effettwat bil-fatt illi s-subbasta tieħu ċerta forma u mhux oħra;

L-Att XI ta' l-1984 jagħti s-setgħa lill-Ministru responsabbli għax-xogħol li jintervjeni fil-każ li d-debitur, avolja tkun saret it-talba għas-subbasta, jibqa' ma jħallasx dak li għandu jagħti skond is-sentenza jew it-titolu esekuttiv u fil-każ biss li l-bejgħ fis-subbasta jkun "meħtieġ jew spedjenti għal għan soċjali li jipprovdi impjiegi għal ħaddiema jew sabiex jinżammu dawk l-impjiegi" (artikolu 306 (2A) K.OP. C.), u dan l-intervent jispiċċa fix-xejn jekk u appena d-debitur jasal biex iħallas dejnu;

Ma għandux jintesa mbagħad, li f'każijiet bħal dan fejn si tratta ta' lukanda, fabbrika jew kursaal li jipprovdu impjieg għal numru konsiderevoli ta' nies, l-interessi involuti mhumiex biss ċirkoskritti għal dawk tad-debitur u tal-kreditur imma jestendu ukoll għall-oqsma oħra soċjali li jolqtu mill-viċin dak in-numru konsiderevoli ta' nies, li ma jkunux ġeneralment involuti fil-proċeduri ġudizzjarji bejn il-kreditur u d-debitur, għalkemm il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp u għall-istess eżistenza ta' l-azjenda x'aktarx ikun akbar minn dak ta' l-istess promoturi ta' l-azjenda jew tat-terz li jkun avanza kapitali lil azjenda;

Din il-kategorija ta' nies, li naturalment għandu jiġi lilhom rikonoxxut l-interess kollu li l-azjenda tkompli fl-attività tagħha u ma tispiċċax fix-xejn minħabba fl-inadempjenza tad-debitur, ma tistax tiġi injorata, u għalhekk il-kwistjoni trid tiġi kkunsidrata mhux biss fir-relazzjonijiet bejn kreditur u debitur imma anke fil-konfront ta' dawk in-nies;

Huwa evidenti miż-żewġ Atti in diżamina illi bejn l-interessi, drittijiet u obbligi tad-debitur u tal-kreditur qiegħed jintervjeni l-leġislatur b'mod li qiegħed idaħħal interessi oħrajn, ċjoè dawk tal-ħaddiema u f'dan is-sens l-atti in kwistjoni għandhom l-aspett soċjali tagħhom. Il-Qorti, f'dan ir-rigward ma għandhiex tiskrutina l-*policy* soċjali segwita mill-Parlament *meta jsiru l-liġijiet tal-pajjiż, jew l-aspett soċjali tal-liġijiet*, anzi għandu jingħad illi huwa dmir tal-Qorti li tirrikonoxxi lil dik il-liġi li tkun l-aspett soċjali tagħha fl-istess spirtu li tkun ġiet magħmula mil-leġislatur. Dak li huwa ċertament id-dover tal-Qorti huwa li teżamina mbagħad il-validità kostituzzjonali ta' dik il-liġi meta l-Qorti tkun adita għal dan l-iskop;

*Fi kliem ieħor qiegħed jingħad illi bil-liġi ta'* **proċedura** dwar subbasti kif kienet sa ma saru ż-żewġ emendi in kwistjoni kien hemm biss drittijiet tal-kreditur u tad-debitur u regolament

ta' l-istess bl-iskop biex id-debitur safejn huwa possibbli ma jbatix aktar milli jmissu filwaqt illi l-kreditur jiġi sodisfatt mill-kreditu tiegħu;

Effettivament, però, la l-kreditur u anqas u anqas id-debitur (li wara kollox kien hu li bl-inadempjenza tiegħu ipprovoka s-subbasta) ma jistgħu jippretendu li f'każijiet ta' subbasti ta' dina x-xorta ma hemm ebda interessi oħra ħlief tagħhom involuti jew inkella li l-interessi ta' ħaddieħor għandhom bilfors jiġu wara tagħhom; u issa *l-leġislatur* qiegħed jgħid li l-interessi patrimonjali tad-debitur ma għandhomx jiġu ttutelati sa punt li jista' jwassal biex jippreġudika l-interess tal-kreditur li jitħallas malajar u dak tal-ħaddiema li jkomplu jaqilgħu l-għixien tagħhom minn dik il-fonti li huma stess ikunu kkontribwew għaliha bl-operat tagħhom. Huwa evidenti minn *hekk li, bl-introduzzjoni tal-miżuri ġodda leġislattivi* li għandhom il-għan li joħolqu u jsalvaw l-impjiegi tal-ħaddiema u li jitħaffu l-proċeduri ta' subbasta, ġie mogħti rikonoxximent għall-interessi oħra li ma jistgħux ma jeħdux preferenza fuq dawk tad-debitur - proprju dan qiegħed jagħmel il-leġislatur. Sa ma saru dawn il-liġijiet il-ħaddiema kellhom biss l-interess li l-azjenda tkompli tiffunzjona, iżda issa l-leġislatur ta protezzjoni effettiva għal dak l-interess billi qiegħed jawtorizza lill-istess Ministru responsabbli għax-xogħol biex bl-ordni tiegħu tiġi ssalvagwardata u assigurata l-kontinwità ta' l-azjenda u b'hekk jiġi salvat id-dritt għax-xogħol tal-ħaddiema;

Meħudin f'dan il-kuntest, il-liġijiet in kwistjoni ma jistgħux ma jiġux, għall-finijiet ta' l-eżami tal-kostituzzjonalità tagħhom fir-rigward ta' l-artikolu 40 (2) tal-Kostituzzjoni, ivvalutati jekk mhux b'referenza għal dana l-aspett soċjali tagħhom;

Issa huwa veru li dawna l-liġijiet (u ħafna oħra bħalhom)

iġibu tibdil fid-drittijiet ta' privati u fil-fatt jolqtu debituri bħal ma huwa l-appellant Debono *nomine* b'mod li ma jippermettilux jagħmel kull ma seta' jagħmel qabel; u huwa proprju għalhekk li dana l-appellant jgħid li għal dak kollu li naqsulu minn kull ma seta' jagħmel qabel, ma baqagħlux iżjed u allura qiegħed jiġi mċaħħad mid-dritt ta' l-aċċess għall-Qorti. Din is-sottomissjoni però tintilef ħafna jekk mhux għal kollox fid-dawl ta' dak li diġà ntqal dwar l-iskop soċjali kif iddikjarat fl-istess liġi;

Fil-ġurnata tal-lum kulħadd jifhem il-ħtieġa ta' liġijiet biex jirregolaw oqsma bħal ma huma dawk ta' industrija, xogħol, żvilupp ekonomiku, żvilupp urban *et similia*; kulħadd jifhem ukoll illi bl-introduzzjoni ta' liġijiet ta' dina x-xorta neċessarjament tiġi effettwata - f'xi każijiet anke avversament - *l-isfera ta' attività tal-privat* sabiex b'hekk *jiġi* stabbilit kontrobilanċ bejn l-interessi tal-wieħed u ta' l-ieħor;

L-aspett soċjali ta' liġijiet ta' dina x-xorta huwa għalhekk rikonoxxut universalment, u Qorti li tkun imsejħa biex tippronunzja ruħha dwar il-validità kostituzzjonali tagħhom, ma għandhiex *tittraskura dana l-aspett* u għandha tagħtih l-importanza li ħaqqu. Ara f'dan is-sens **Chiranjit Lal *vs* Union of India**, 1950 S.C.R.869, riportata fil-Constitution of India (1950-51) ta' Basu; **Watson *vs* Buck** (1941 313, U.S. 387; **Euclid *vs* Ambler Realty** (1926) 272 U.S. 365; **Day-Brite Lightin *vs* Missouri** (1952) 342 U.S. 421; **Middleton *vs* Texas Power and Light Co.** (1918) 249 U.S. 152; **Raadice *vs* N.Y.** (1942) 264 U.S. 294; **Pigs Marketing Board *vs* Donnelly (Dublin) Ltd.** (1939) I.R. 413;

Sostanzjalment dawn id-deċiżjonijiet ċitati jirrikonoxxu dik li Basu jsejjaħ *a new doctrine of reluctance to find an infringement of substantial due process in the regulation of economic activity or in the field of labour legislation* (*op. cit.* p.

474);

*Stabbilita n-natura ta' l-għan soċjali li l-leġislatur irid* jilħaq biż-żewġ liġijiet in eżami (għan li, kif ġà ntqal, ma jistax ma jittiħidx in konisderazzjoni fl-eżami dwar il-kostituzzjonalità *tagħhom) ma* jistax jingħad li, anke jekk b'xi mod dawn iż-żewġ liġijiet jinċidu fuq drittijiet ta' privati, dana mhux qiegħed isir b'mod tali li jiġġustifika dikjarazzjoni ta' anti-kostituzzjonalità;

Dwar l-ilmenti l-oħra li ressaq l-appellant Debono *nomine* fuq it-tneħħija ta' drittijiet li huwa jgħid li kienet tagħtih il-liġi qabel ma ġiet emendata u dwar is-sottomissjonijiet tiegħu li dana jinċidi fuq id-dritt ta' aċċes lill-Qorti (sottomissjonijiet li l-Qorti ma tabbraċċjax), għandu jingħad biss illi jekk il-leġislatur, kif ħass li kellu jagħmel u kif fil-fatt għamel, għażel l-għan soċjali li joħloq u jsalva impjiegi ta' ħaddiema u jħaffef il-proċeduri ta' subbasta, dana neċessarjament kien jitlob li jitneħħew, kif tneħħew, minn idejn min biex jipproteġi l-interessi patrimonjali tiegħu seta' jfixkel ir-raġġunġiment ta' dana l-għan il-mezzi kollha li jwasslu għat-tfixkil u dewmien;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell magħmul mir-rikorrent Anthony Debono *nomine*, u konwegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddikjarat li dik il-parti ta' l-artikolu 3 ta' l-Att XI ta' l-1984 (li jintroduċi l-artikolu 308 (1A) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) li taqra "u meta l-beni immobbli li jintalab il-bejgħ tagħhom ikunu jikkonsistu f'art, bini u amenitajiet oħra li jkunu kontigwi, il-Qorti ma tistax tillimita l-bejgħ għal xi parti jew partijiet tagħhom" tikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bħala tali nulla u bla effett, u *tikkonferma l-istess sentenza fil-*

kumplament tagħha, u għalhekk tiċħad it-talbiet ta' l-imsemmi rikorrent appellant Anthony Debono *nomine* kkontenuti fir-rikors tiegħu msemmi ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u b'dan il-mod tiddisponi miż-żewġ appelli;

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa.